il-Gżejjer

IS-SITT SENA | SETTEMBRU, 1977 | NRU. 73

# IL-PRIM MINISTRU SPANJOL F'MALTA



*Il-Prim Ministru Dom Mintoff qed jippreżenta rigal lil Prim Ministru Spanjol Adolfo Suarez.*

Delegazzjoni Spanjola mmexxija mill-Prim Ministru Adolfo Suarez waslet Malta għal żjara qasira nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Settembru.

Il-Prim Ministru Suarez ġie milqugħ fl-ajruport ta' Ħal Luqa mid-Deputat Prim Ministru l-Avukat Joseph Cassar. Wara li spezzjona Gwardja ta' l-Unur magħmula minn membri tal-Korp tal-Pulizija, il-Prim Ministru Spanjol kellu laqgħa mal-Prim Ministru Malti, s-Sur Dom Mintoff fil-Berġa ta' Kastilja, fejn tkomplew it-taħdidiet li ż-żewġ Prim Ministri kellhom ftit jiem ilu fil-kapitali Spanjola. Fil-Palazz ta' San Anton, il-Prim Ministru Suarez kien il-mistieden ta' l-unur tal-President ta' Malta Anton Buttigieg.

Il-Prim Ministru Spanjol ittieħed iżur postijiet ta' interess ma' Malta kollha. Hu żar it-Tarzna ta' Malta fejn ittieħed jara d-diversi ħwienet tax-xogħol u fejn ingħata merħba kbira mill-ħaddiema.

Jaraw lid-delegazzjoni sejra lura lejn Spanja kien hemm id-Deputat Prim Ministru l-Avukat Joseph Cassar u l-Ministru ta' l-Iżvilupp is-Sur Wistin Abela. Kien hemm ukoll l-Ambaxxatur ta' Spanja għal Malta Don Manuel Garcia y Garcia.

## HIDMA TAL-GVERN

# It-Trobbija tan-Naħal

It-trobbija tan-naħal għall-għasel li huma jipproduċu, huwa delizju, u għal xi wħud mezz ta' għajxien, li ilu jiġi ipprattikat mill-bniedem 'il fuq minn 4,000 sena. Hawn Malta l-istorja tat-trobbija tan-naħal żgur li twassal 'il fuq minn 2,000 sena. Il-pajjiżi li jħaddnu l-baħar tal-Mediterran kienu minn żmien il-qedem magħrufa għall-għasel u għall-inbid magħmul mill-għasel tagħhom. L-għasel ta' Malta huwa magħruf għat-tjubija tiegħu mad-dinja kollha.

Waqt li ħafna minn dawk li jrabbu n-naħal jagħmlu dan biex jakkwistaw l-għasel, dan il-prodott hekk ħelu huwa parti żgħira mill-valur li dawn l-insetti jagħtu lill-bniedem. Infatti huwa stmat li għal kull lira għasel li n-naħal jagħti lill-bniedem, in-naħal ikun tah b'għaxar darbiet iktar frott bħala riżultat tad-dakkir ta' fjuri tal-frott.

Sfortunatament hawn ħafna nies li jeqirdu n-naħal għax ma jifmuhx u jibżgħu minnu. Għad hawn bdiewa li jaħsbu li n-naħal itaqqbilhom il-frott tas-siġar tagħhom. Dan mhux minnu għax in-naħal m'għandux il-mezzi biex itaqqab il-qoxra iebsa tal-frotta. Huma ż-żnażan, l-għasafar, u t-tisqija ħażina ta' l-istess bidwi li ttaqqab jew taqsam il-frott. In-naħal idur għaz-zokkor tal-frott *wara* li din tkun inqasmet.

In-naħal jattakka u inigges lill-bniedem u annimali oħra meta l-bejta tiegħu tiġi mhedda jew attakkata. Meta naħla tkun qed tirgħa u din tiġi mfixkla din malajr twarrab għal fuq fjura oħra u ma tattakkax lil min ikun fixkilha. Fergħ naħal ma jattakkax lil min imur jiġbru għax dan in-naħal ma jkunx għad andu bejta biex jiddefendi.

Hija vera ħsara li tara lil min ibexx is-siġar tal-frott filwaqt li dawn ikunu bil-fjuri. Il-bexx għandu jistenna li s-siġra tkun spiċċat mill-fjuri, għax jekk in-naħal li jmur idakkar il-fjura imiss ma' dan il-velenu dan imut.

In-naħal ikattar lilu nnifsu billi jofroħ. Dan jiġri għal ħabta ta' bejn il-ħmistax ta' Marzu u l-ħmistax ta' April. Meta n-naħal jofroħ, ir-reġina x-xiħa toħroġ minn ġol-kaxxa jew qolla tagħha flimkien ma għadd kbir ta' naħal fidil lejha u dawn itiru biex jifformaw kolonja oħra ta' naħal f'post ieħor.

In-naħal li jibqa' wara fil-kaxxa jew qolla ikollu reġina ġdida. Meta xi ħadd jilmaħ xi fergħ naħal imdendel minn xi zokk ta' siġra, jew f'xi rokna jew post ieħor għal ħabta ta' Marzu jew April dan m'għandux igerrxu, jeqirdu jew jibża' minnu, imma għandu jew jinforma bih lill-eqreb Għassa tal-Pulizija jew iċempel lid-Dipartiment tal-Agrikoltura u dawn jiġu u jiġbruh.

Is-sezzjoni tal-Apikoltura tad-Dipartiment tal-Agrikoltura teżisti biex dawk kollha li għandhom xi diffikultà dwar in-naħal tagħhom ikunu jistgħu jiġu mgħejjunin.

In-naħal kollu li għandha s-sezzjoni ta' l-Apikoltura huma miżmumin f'kaxxi tal-injam magħdumin hawn Malta stess. Id-Dipartiment jinkuraġġixxi lill min irabbi n-naħal biex juża l-kaxxi għaż-żamma tan-naħal u mhux ġarar jew reċipjenti oħra simili. L-għasel li jinġabar mill-ġarar mhux għasel pur, għax dan l-għasel ikun imħallat mal-pollen u duqqajs. It-tilari tal-kaxxi barra li jħaffef ix-xogħol u joffru kontrol aħjar, jifirdu d-duqqajs u l-pollen mill-għasel. Dan l-għasel tat-tilari ikun jista' jiġi estratt permezz ta' 'extractor' minngħajr ma' l-għasel jintmess bl-idejn.

Hawn Malta l-istaġun tal-għasel jibda f'April meta s-silla tkun bil-fjuri. L-għasel tas-silla jiġi maqtugħ jew aħjar estratt għall-aħħar ta' Mejju. Bejn, Ġunju u Awissu n-naħal jaħdem fuq il-fjuri tas-Sagħtar. Dan l-għasel tas-sagħtar li hu iktar skur fil-kulur minn dak tas-silla, hu aktar apprezzat. Dan l-għasel jiġi estratt f'Awissu.

In-naħal ma jaħdimx u jerfgħa l-għasel biex il-bniedem imur u jisraqulu. n-naħal jaħżen l-għasel sabiex fil-jiem kesħin tax-xitwa, meta n-naħal ma joħroġx barra mill-bejta tiegħu, ikollu l-ikel meħtieġ biex jgħix. Għalhekk meta l-bniedem jieħu l-għasel mill-kaxxi għal użu tiegħu, lin-naħal jagħtih iz-zokkor

*Ħaddiema tad-Dipartiment, protetti b'ilbies apposta, jieħdu ħsieb tan-naħal.*



biex dan in-naħal ma jbagħtix u jmut bil-ġuħ fix-xitwa. Dak in-naħal li ma jingħatax zokkor matul ix-xitwa, jekk ma jmutx, ikun wisq bagħtut biex jipproduċi għasel bil-kwantità. L-għalf taz-zokkor għandu jieqaf qabel ma jibda l-istaġun tas-silla u ma jerġax jibda qabel ma jispiċċa l-istaġun tas-sagħtar, għax inkella n-naħal iħallat dan iz-zokkor ma' l-agħsel.

U għalhekk dan ta' l-aħħar ikun ta' kwalità inferjuri.

Id-dipartiment ta' l-Agrikoltura għandu kaxxi bin-naħal kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Il-kaxxi li hawn Malta jinżammu fil-mixtla tal-Gvern f'Ta' Kandja matul is-sena ħlief għal żmien is-sagħtar meta dawn il-kaxxi jittieħdu Kemmuna. Huwa importanti li l-kaxxi tan-naħal jitqiegħdu viċin tal-fjuri tas-silla u tas-sagħtar fl-istaġun rispettiv tagħhom biex in-naħal rispettiv tagħhom biex in-naħal ma jkollux bogħod wisq biex ifittex l-ikel tiegħu.

Dak li jrabbi n-naħal barra mil-qliegħ li jagħmel meta ibiegħ l-għasel u l-friegħ tan-naħal, jista' ibiegħ il-Propolis jew kif ngħidulu bil-Malti l-qatran li n-naħal jagħmel mill-gomma tas-siġar. L-għasel barra li jista' jinbiegħ kif ikun, jista' wkoll jinbiegħ wara li jiġi distillat u magħmul f'inbid.

Il-kaxxa tan-naħal hija magħmula minn reġina waħda, xi 100 bagħal u madwar 50,000 ħaddiem. Ir-reġina hija l-ikbar naħla u hija mara fertili. Din in-naħla hija speċjalizzata biex tbid il-bajd biss. L-anqas hi kapaċi li titma lilha nnifisha imma jitimmuha naħal oħra. Il-bagħal hu naħla raġel li sservi biss biex jgħammar lir-reġina, waqt li l-ħaddiema jagħmlu x-xogħol l-ieħor kollu li jkun hemm bżonn. Dan ix-xogħol jikkonsisti fil-ġarr ta' ilma, nettru u pollen għal ġewwa l-kaxxa. Il-pollen, li jinġarr minn naħal fuq saqajhom ta' wara, iservi bħala għalf għad-duqqajs, fil-waqt li nettru jiġi maħdum minn naħal biex isir l-għasel. Il-ħaddiema jieħdu ħsieb li jitimgħu d-duqqajs u r-reġina, inaddfu l-kaxxi minn naħal mejjet u ħmieġ ieħor, jissiġillaw id-duqqajs u l-għasel u jiddefendu l-bejta minn xi għadu li jissogra jidħol. In-naħla ħaddiema tgħix għal ftit ġimgħat biss, skond iż-żmien li tagħmel ittir. Aktar ma tgħaddi żmien ittir aktar tmut malajr. Din in-naħla hija femminili imma mhix żviluppata bħar-reġina u normalment ma tbidx bajd. Ir-reġina tista' tgħix għal ħames snin imma meta tixjieħ din ma tibqax tbid tajjeb. Reġina b'saħħitha ta' sena tbid madwar 1,500 bajda kuljum.

*In-naħal kollu huma miżmumin f'kaxxi tal-injam maħdumin hawn Malta.*



# Ordni tal-1974 Dwar il-Kotba tax-Xogħol

Id-Direttur tax-Xogħol jgħarraf illi l-Ordni ta' l-1974 dwar il-Kotba tax-Xogħol jipprovdi, fost affarijiet oħra, għal dan li ġej:—

(i) l-ebda persuna (inkluż dawk kollha li jaħdmu għal rashom) m'għandha tagħmel xogħol bi qliegħ jekk ma jkollhiex Ktieb tax-Xogħol maħruġ lilha mid-Direttur tax-Xogħol.

(ii) l-ebda prinċipal m'għandu jimpjega persuna oħra, 'whole time' jew 'part-time', jekk ma jgħarrafx lid-Direttur tax-Xogħol b'dak, l-impieg, u jekk dik il-persuna ma tipproduċilux Ktieb tax-Xogħol li juri li d-Direttur ikun innota kif imiss dak l-impieg; u

(iii) l-ebda persuna li bdiet tagħmel xogħol bi qliegħ ma tista' żżomm fil-pussess tagħha l-Ktieb tax-Xogħol, iżda għandha tiddepożitah mad-Direttur tax-Xogħol.

Id-Direttur tax-Xogħol jgħarraf ukoll li kull persuna li tikser jew tonqos li tħares xi disposizzjoni msemmija hawn fuq, tkun ħatja ta' reat, u teħel meta tinstab ħatja, il-multi preskritti mill-Ordni.

# inti u l-liġi

*Jiena u żewġi qed nibnu dar, taħt id-direzzjoni ta' Perit, Ftit ilu, irċevejna ittra uffiċjali mingħand il-ġar, fejn qalilna li rridu nwaqqgħu kamra li tmiss ma' l-art tiegħu, għax, qal hu, dħalnielu xi għaxar pulzieri fl-art tiegħu. Aħna b'dan ma nafu xejn. Ikollna nwaqqgħu?*

Jekk tippruvaw li ma kontux tafu, u li dak li sar sar "in buona fede", il-Qorti ma tobbligakhomx twaqqgħu, skond l-Artikolu 608, imma biss tobbligakhom tħallsu l-art li okkupajtu bi żball, fuq stima.

* * *

*Jiena armla, b'żewġ tfal żgħar. Żewġi, fil-kitba taż-żwieġ, kien wiegħdni dotarji ta' somma sewwa, li jiena ħadt meta miet. Issa erġajt sibt okkażjoni ta' żwieġ ma armel u aktarx nerġa' nizżewweġ. Jekk nagħmel hekk, nitlef xi drittijiet?*

Il-liġi titfa' ċerti żvantaġġi fuq it-tieni żwieġ. Per eżempju, jekk ikollok it-tfal mit-tieni żwieġ, la inti u anqas ħadd mill-ulied tat-tieni żwieġ ma' jista' jmisshom, mit-tieni raġel, jekk hu għandu tfal mill-ewwel żwieġ, aktar milli jmissu l-anqas wieħed minn uliedu ta' l-ewwel żwieġ. Barra minn hekk, l-armla bit-tfal li terġa' tiżżewweġ, titlef id-dotarju.

* * *

*Xi sentejn ilu mietet waħda tiġi minni, bla tfal. Ir-raġel mejjet ukoll. Kif inkunu nafu jekk imissniex xi ħaġa? Aħna ulied ħuha.*

L-ewwel nett tħallux snin aktar igħaddu. It-tieni, billi għadkom fil-bidu, qabbdu min jagħmlilkom riċerka biex taraw hemmx testment. Jekk hemm testment, billi ma kellhiex tfal u anqas axxendenti (per eżempju ġenituri) setgħat tħalli kollox lil żewġha, u jekk dan miet warajha, jew iddispona minn ġidha kif ried, jew wirtu kollox niesu. Jekk testment m'hemmx, billi r-raġel mejjet ukoll, l-ewwel jirtu l-aħwa, indaqs bejniehom. It-tfal ta' l-aħwa mejtin, jirtu sehem missierhom jew ommhom, flimkien.

* * *

*Inti għidt li ħarġet xi liġi li ċ-ċens, meta jagħlaq, irid jerġa' jiġġedded.*

Jiena qatt ma għidt hekk; anzi dejjem għidt li l-liġi taċ-ċens li jagħlaq, għadha ssostni li meta ċ-ċens jagħlaq, is-sid (jew il-padrun dirett) iġedded biss jekk irid hu. Iċ-ċens li semmejtli, inqas minn nofs lira fissena, hu, kif tara int, żgħir wisq. Forsi jekk intkom tavviċinaw lis-sid u tgħidulu li intkom lesti biex tħallsu ċens aktar adattat għaż-żmenijiet tal-lum jista' jkun li jġeddilkom iċ-ċens. Imma nirrepeti, *iġedded jekk irid hu.* Min-naħa l-oħra, jekk intkom fil-periklu li tibqgħu bla dar, tistgħu titolbu l-protezzjoni tal-Housing.

# LIL DAWK LI JSUQU

**IT-TFAL huma f'periklu speċjali — partikolarment dawk li għandhom anqas minn ħames snin u dawk li jkunu fuq 'bicycle'. Ipproteġihom u ħarriġhom fil-ħarsien mill-periklu fit-triq.**

**IN-NIES XJUĦ jistgħu jirreaġixxu bil-mod. Id-diffikultajiet tagħhom qegħdin jiżdiedu biż-żieda kontinwa tat-traffiku tal-karrozzi. Agħtihom attenzjoni kbira.**

**IN-NIES GĦOMJA ukoll jeħtieġu l-għajnuna tiegħek. Agħti kull attenzjoni u għajnuna lil dawk li tara mexjin bil-bastun abjad.**

---

**IS-SAĦĦA hija importanti. Kun żgur li inti f'siktek meta tuża t-triq. Ħu ħsieb li ħadd-ieħor jista' jkollu vista difettuża, nuqqas ta' smigħ jew ikun għajjien.**

**IX-XORB, ukoll jekk meħud fi kwantitajiet żgħar, jagħmlek anqas żgur waqt li tkun qed issuq. L-unika regola ta' sigurtà hi LI JEKK TKUN SER ISSUQ, TIXROBX. L-istess japplika għal drogi mediċinali.**

---

**ID-DWAL, BRAKES, STEERING U TYRES għandhom jiġu iċċekkjati ta' spiss. Nuqqas ta' kura tagħhom jista' jikkaġuna disgrazzja. Il-ħġieġ tal-vettura għandhom ikunu indaf sabiex tkun tista' tara sewwa minnhom.**

**MIN IKUN QED ISUQ MUTUR għandu dejjem jilbes l-elmu biex jipproteġih.**

**META TAVVIĊINA 'ZEBRA CROSSING' kun dejjem lest biex tnaqqas il-veloċità jew tieqaf sabiex tagħti d-dritta lil min ikun qed jaqsam.**

**Mill-banda l-oħra MIN IKUN QED JAQSAM min fuq 'Zebra Crossing' għandu joqgħod attent u ma jaqsamx it-triq bl-addoċċ.**

# .....fil-qosor

## XEWQAT MILL-PRESIDENT LILL-PRIM MINISTRU F'GHELUQ SNINU

Il-President tar-Repubbblika l-Avukat Anton Buttigieg, bagħat bukkett fjuri u x-xewqat sbieħ tiegħu u tas-Sinjura Buttigieg lill-Prim Ministru, Dom Mintoff, fl-okkażjoni ta' għeluq sninu nhar is-6 ta' Awissu, 1977.

## ŻJARA MILL-MINISTRU TAX-XOGĦOL GĦAJNUNA SOĊJALI U KULTURA



Il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, is-Sinjorina Agatha Barbara dan l-aħħar għamlet żjara fil-fabbrika Toly Products Ltd. fil-qasam industrjali ta' Bulebel.

Il-Ministru Barbara kellha taħditiet mal-General Manager tal-fabbrika, is-Sur Harry Bugeja flimkien maċ-Chairman u l-Managing Director tal-Kumpanija, Mr. Gatesy u s-Sales Director, Mr. Horsvell li bħalissa jinsabu Malta biex iħejju pjanijiet ta' aktar żvilupp industrjali għal fabbrika lokali.

Matul dawn it-taħditiet il-management kkonferma mal-Ministru Barbara li r-relazzjonijiet industrjali tal-fabbrika kemm mal-Gvern kif ukoll mal-ħaddiema li huma rrappreżentati mill-General Workers' Union, huma tajbin ħafna kif jixhed it-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema li sar s'issa. Dan jinkludi l-20 ġurnata 'leave' fis-sena li ntroduċa l-Gvern, li se jibdew isehħu għall-ħaddiema tal-fabbrika minn din is-sena.

Toly Products Ltd. bħalissa timpjega 87 ħaddiem u għandha pjanijiet ta' espansjoni għall-futur.

Il-fabbrika tipproduċi reċipjenti, kosmetiċi għas-swieq barranin bħalma huma l-Ingilterra, l-Amerika u l-Awstralja kif ukoll pajjiżi oħra fl-Ewropa. Il-fabbrika tipproduċi wkoll ganċijiet tan-nylon għas-suq internazzjonali.

Wara li l-Ministru Barbara rat ix-xogħol tal-ħaddiema f'din il-produzzjoni, hija irringrazzjat lill-management tat-tmexxija għaqlija f'din l-intrapriża.

## MIDALJA GĦALL-QADI TAR-REPUBBBLIKA

Dr Ali Treki, Segretarju ta' l-Istat għall-Affarijiet Barranin tal-Gemaħerija Għarbija Libjana Popolari u Soċjalista nhar il-Ġimgħa 12 ta' Awissu ngħata l-Midalja għall-Qadi tar-Repubbblika ta' Malta bħala rikonoxximent ta' dak li għamel fl-interess tal-poplu Malti fl-aktar mumenti ta' bżonn. Dan il-ġieh distint ġie mogħti lilu mill-President tar-Repubbblika Anton Buttigieg.

## IL-MINISTRU, L-AVUKAT JOSEPH CASSAR FL-ALĠERIJA

F'dikjarazzjoni li ġiet iffirmata mill-Ministru tal-Ġustizzja, l-Avukat Joseph Cassar u l-Ministru tal-Ġustizzja Alġerin Abdelmalek Benhabyles fi tmiem żjara ta' tlett ijiem (23-25 ta' Lulju) li l-Ministru Cassar għamel f'dan il-pajjiż, l-Alġerija wegħdet il-koperazzjoni kollha tagħha lil Malta fil-proċess li tiġi garantita n-newtralità tal-gżira wara l-1979.

Fi tmiem il-laqgħat tagħhom, il-Mexxejja taż-żewġ delegazzjonijiet esprimew sodisfazzjon bir-riżultati miksuba minn dawn il-laqgħat u bir-relazzjonijiet tajba li jeżistu bejn iż-żewġ popli — Alġerini u Maltin.

## FTEHIM TA' KOPERAZZJONI EKONOMIKA MA' L-IRAQ

Malta u l-Iraq nhar l-4 ta' Awissu, iffirmaw ftehim ta' koperazzjoni ekonomika li fost oħrajn joħloq arranġamenti speċjali li bihom l-Iraq jipprovdi lil Malta biż-żejt u Malta min-naħa tagħha, toffri servizzi fil-qasam tal-bini u tiswija tal-vapuri.

Sadanittant il-Gvern ta' l-Iraq stieden lill-Malta biex tieħu sehem fil-Fiera Internazzjonali ta' Baghdad.

## IL-PRESIDENT IMUR ĊIPRU

Il-President tar-Repubblika, l-Avukat Anton Buttigieg dan l-aħħar telaq minn Malta għal Ċipru fejn attenda għall-funeral ta' l-Arċisqof Makarios. Il-President kien akkumpanjant mis-Segretarju Personali tiegħu is-Sur John Bonello.

## PREŻENTAZZJONI TA' FLUS



**Is-Sur Bartolo jippreżenta ċ-ċekk lis-Sinjura Mintoff.**

Il-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff li huwa wkoll il-Kap tal-Malta Labour Party dan l-aħħar kien preżenti waqt preżentazzjoni ta' ċekk ta' 1,000 dollaru Awstraljan lis-Sinjura tiegħu Moira. Din iċ-ċerimonja saret fil-Berġa ta' Kastilja.

Dawn il-flus ingħataw sabiex jingħata bidu għat-twaqqif ta' Fond għar-Rijabilitazzjoni u Kura ta' dawk li jagħmlu reat, kbar u żgħar (Rehabilitation and Welfare Fund for Young and Old Offenders) bħala parti mill-attivitajiet ta' l-Għaqda Filantropika Soċjalista.

Din l-għotja ta' flus saret mis-Sur Joe Forace, il-Kummissarju Għoli ta' Malta fl-Awstralja u mis-Sur Joseph Bartolo minn Melbourne l-Awstralja. Il-preżentazzjoni saret mis-Sur Joseph Bartolo li qiegħed għal btala f'Malta lis-Sinjura Mintoff li hija ċ-Chairman ta' dan il-Fond.

Preżenti għal din iċ-ċerimonja kien hemm ukoll is-Sinjura Bartolo.

# MALTA TAQLEB GĦAS-SISTEMA METRIKA

## metri MHUX jardi
## millimetri MHUX pulzieri

**Ftakar li metru (m) fih**
**100 ċentimetru (ċm)**
**jew**
**1 000 millimetru (mm)**

| ins | | mm |
|---|---|---|
| 1/8 | Linja | 3 |
| 3/16 | Linja u nofs | 5 |
| 1/4 | Kwart | 6 |
| 3/8 | Tliet linji | 10 |
| 1/2 | Nofs pulzier | 13 |
| 5/8 | Ħames linji | 16 |
| 3/4 | Tliet kwarti | 19 |
| 7/8 | Seba' linji | 22 |
| 1 | Pulzier | 25 |
| 1 1/4 | Pulzier u kwart | 32 |
| 1 1/2 | Pulzier u nofs | 38 |
| 1 3/4 | Pulzier u tliet kwarti | 44 |
| 2 | Żewġ pulzieri | 51 |
| 3 | Tliet pulzieri | 76 |
| | | cm |
| 9 | Kwarta ta' jarda | 23 |
| 12 | Pied | 30 |
| 18 | Nofs jarda | 46 |
| 27 | Tliet kwarti ta' jarda | 69 |
| 36 | Jarda | 91 |
| | | m |
| 54 | Jarda u nofs | 1.4 |
| 72 | Żewġ jardi | 1.8 |

# L-IKEL FIS-SHANA TAS-SAJF

Is-Sajf huwa l-istaġun idejali għal min irid inaqqas dawk il-libbri żejda ta' xaħam minn fuq ġismu. Is-sħana tas-sajf iġġiegħel is-sistema tal-metaboliżmu tagħna tirrifjuta ikel tqil, u mimli caloriji, għall-dieta ħafifa, iżda nutrijenti. Fil-kesħa tax-xitwa wieħed mingħajr ma jrid ikollu jiekol ikel tqil bħal minestri, għaġinijiet, qali, kejkijiet eċċ, li fihom infushom huma nutrijenti, għaliex il-kontenut tagħhom huwa, laħam u veġitali. Iżda l-fatt huwa li fit-tisjir jintilef ċertu ammont ta' protejini. Barra minn hekk, l-ikel tqil bħal patata, għaġin u ross iġiegħlek tħossok mitluqa, għajjiena u ħafna drabi qisek ma tkunx taf x'se tagħmel bik innifsek. Is-sħana tas-sajf ukoll għandha l-istess effetti u għalhekk għandek taqleb għas-sistema ta' ikel ħafif u bilanċjat.

Filgħodu, malli tqum, minflok te' bil-ħalib u toast bil-butir u bacon, aqleb għal tazza misħun bil-lumi u bajda mogħllija. Aktar tard filgħodu ħu frott li trid int biex itaffilek il-ġuħ u fl-istess ħin jiftaħlek l-aptit għall-ikla ta' nofs inhar. Il-pranzu għandu jikkonsisti f'ħut frisk, ħaxix, xi ftit fwied, laħam fuq il-fwar eċċ. Insomma milli qegħdin taraw, dan huwa ikel ħafif iżda mimli vitamini. Il-laħam fuq il-fwar ma' jitlifx wisq sustanzi bħal meta jinqela. Iż-żjut u x-xaħmijiet iżidu il-kaloriji bid-doppju. Bħala deżerta ħudu frott frisk bħal bettieħ, lanġas, ħawħ, għeneb, tin eċċ. Tieħdu qatt frott tal-bott, jekk qegħdin iżżommu l-figura. Xi ftit imbid abjad ma jagħmilx ħsara. Però s'intendi għal min qed jgħodd il-kaloriji, m'għandux jinsa li jinkludi dan ukoll.

Għal dawk li jmorru ħdejn il-baħar, l-inklinazzjoni hija li jieħdu magħhom ħobż biż-żejt u t-tadam. Veru li l-arja tal-baħar u l-kampanja tiftaħlek l-aptit. iżda m'hemmx bżonn li dejjem nieħdu ħobż, u nixtru l-ġelati biex intaffu l-aptit. Lit-tfal jixtrulhom ġelati u 'chips' għal ħdejn il-baħar. Imbagħad tarahom iħammġulek kullimkien bil-karti, u jinxteħtu fil-baħar eżatt kif ilestu mill-ikel. Wara l-għawma mbagħad, bejn ix-xemx taħraq, bejn l-ikel żejjed li kielu u bejn il-qbiż u l-għawm,dawn it-tfal ġieli iħossom ħażin. Parti mit-tort huwa tal-ġenituri. Il-ħin kollu moħħom biex ibellawlhom l-ikel u bilkemm ma' jgħajtux magħhom jekk ma jieklux. Għal ħdejn il-baħar, l-ikel m'għandux ikun tqil. Frott frisk, imqaxxar u maħsul huwa idejali ferm. Barra milli fih in-nutrijenti meħtieġa, il-frott huwa ħafif, sintendi jekk dan jittiekel bi kwantita limitata. Filgħaxija mbagħad, l-ikla għandha tkun ħafifa ukoll.

Għalhekk nistgħu naraw, milli għidna li is-sajf fih l-isvantaġġi tiegħu ukoll, u wieħed li qed jipprova inaqqas mill-ikel, irid ikollu determinazzjoni qawwija. M'hix ħaġa faċli li tara lil kulħadd jiekol il-ġelati u l-fruit salads u inti toqgħod tħares. Iżda kuntrarju għal dak li forsi qegħdin taħsbu is-soluzzjoni hija faċli. Jekk għandek aptit ta' ġelat bnin, jew forsi qegħda ma' sħabek u tħossok stramba jekk ma tkomplix magħhom tħabbel rasek xejn. Ordna ġelat ukoll iżda m'hemmx għalfejn tieħu wieħed kbir u mimli frott tal-bott. Għażel wieħed plain iżda tajjeb xorta waħda. Kulu bil-mod u toqgħodx tħares lejn dak ta' ħbiebek. Wara li tkun kiltu tħoss ċertu sodisfazzjon fik innifsek, għaliex għalkemm tkun għaddiet ta' rasek u xtrajt il-ġelat, tinduna li bil-għażla għaqlija tiegħek tkun ħadt nofs il-kaloriji milli kieku kont tieħu jekk tkun għażilt ġelat akbar u mimli frott.

Mela nużaw ftit moħħna u l-inġenwita ta' idejna. Inżejnu l-platti aħjar ħalli jħajjruna iżda noqgħodu attenti li l-ikel ikun ħafif u mimli protejini u mhux tqil u kollu xaħmijiet u żjut.

Fuq kollox nikkontrollaw ftit ix-xewqat tagħna. Wara kollox ma smajna qatt li xi ħadd miet minħabba li ma ssodisfax l-aptit kollu tiegħu.

* * *

## MOUSSE

(għal 5)

*Għandek bżonn:*

6 ozs ħalib tal-bott
pakkett jelly
nofs pinta ilma
frott frisk

*Metodu:*

Ħoll pakkett jelly f'nofs pinta ilma u ħallih jibred. Ħabbat tajjeb il-ħalib tal-bott (li tkun poġġejt fil-fridge xi siegħa qabel) sakemm tarah li sar qisu topping. Żid il-likwidu tal-jelly ftit ftit u kompli ħawwad. Żid il-frott, u poġġi fil-fridge sakemm jagħqdu.

**HIDMA TAL-GVERN FL-EDUKAZZJONI**

# ĊENTRI EDUKATTIVI U KAMPIJIET TAS-SAJF

Ta' kull sajf tfal mill-iskejjel tal-Gvern qegħdin igawdu minn vaganzi fiċ-Ċentri tas-Sajf (Summer Clubs), kampijiet tas-sajf, kif ukoll żjarat fi Sqallija.

Kien fis-Sajf ta' l-1957, li ġew imwaqqfa fuq sisien sodi għall-ewwel darba il-kampijiet tas-sajf, meta il-kampijiet tas-suldati fl-Għadira, bdew jintużaw biex fihom tfal milil-iskejjel tal-Gvern jittieħdu għal tliet ijiem, ġimgħa jew ħmistax, vaganza ħdejn il-baħar.

Fl-1971 ingħatat, spinta aktar lil dawn il-kampijiet u n-numru ta' tfal li bdew igawdu l-faċilitajiet kompla jikber.

Din is-sena il-kampijiet tas-sajf saru fl-iskejjel ta' Marsaxlokk, Wied il-Għajn u San Pawl il-Baħar. Biex dawn il-kampijiet ikollhom il-faċilitajiet meħtieġa sar ħafna xogħol fihom billi l-klassijiet inbidlu fi kmamar tas-sodda, saru doċoċ, kċejjen u ħwejjeġ oħra. Ta' kull ġimgħa f'kull kamp madwar 100 tifel u tifla għaddew sitt ijiem sħaħ jorqdu u jieklu u jieħdu sehem fl-attivitajiet li ġew organizzati; fosthom żjarat lill-postijiet interessanti, għawm, u attivitajiet sportivi. Attenzjoni speċjali kienet dik ta' l-aħħar jum ta' kull ġimgħa meta l-istudenti flimkien ma' dawk li jieħdu ħsiebhom, kienu jattendu għall-barbecue fejn xi studenti kienu jirreċtaw u juru dak li tgħallmu waqt il-kamp.

Għal dawn il-barbecues kienu attendew diversi personalitajiet fosthom, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Dr. Ph. Muscat u l-President ta' Malta, Dr. Anton Buttigieg. Attivitajiet oħra kienu jinkludu wirjiet middrama clubs, display tal-judo, programm mużikali mill-Iskola tal-Mużika u marċijiet mill-Banda tas-Sea Cadets.

Grupp ta' studenti Taljani, kif ukoll grupp ta' studenti inkapaċitati Franċiżi wkoll użaw il-faċilitajiet ta' dan il-kamp. (ara paġna Kultura).

Wara s-suċċess ta' dawn l-Kampijiet, fl-1975 il-Gvern waqqaf iċ-Ċentri tas-Sajf (Summer Clubs). L-ideja tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni kienet li fi żmien il-vaganzi t-tfal ikunu jistgħu jqattgħu ftit mill-ħin liberu tagħhom fl-iskejjel mhux biex jitgħallmu u jistudjaw, iżda biex jieħdu sehem f'attivitajiet sportivi u kulturali.

Dawn ċ-Ċentri kellhom suċċess kbir tant li fl-ewwel sena madwar 17,000 student kien attenda fihom.

Barra l-logħob u l-għawm, it-tfal ingħataw ukoll lezzjonijiet ta' first aid, u għamlu xogħol fil-ġonna.

Barra il-Clubs normali nfetħu wkoll tliet Clubs speċjalizzati: wieħed fl-iskola Nawtika fejn l-istudenti ġew mgħallma is-'Sailing', it-tieni tad-Dgħajjes (boat-building) fl-iskola ta' Kordin, tal-Judo fl-Iskola tal-Blata-l-Bajda, u Club tad-Drama fl-Upper Secondary School.

Tfal minn diversi Clubs ittieħdu wkoll dawra fuq il-baħar madwar il-Port il-Kbir.

Attività oħra li bdiet tiġi organizzata mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni fl-1976, hija dik ta' żjarat ta' ġimgħa fi Sqallija. Matul dawn iż-żjarat it-tfal iżuru diversi postijiet fi Sqallija.



▲ *Tfal waqt 'Barbecue' f'egħluq il-ġimgħa tal-kamp fis-Summer Camp ta' San Pawl il-Baħar. Għal dan il-'Barbecue' attenda wkoll il-Ministru ta' l-Edukazzjoni l-Onor. Philip Muscat.*

*Il-Logħob taċ-Ċess.* ▼



*It-Tfal jingħataw ukoll tagħlim ta' l-Ewwel Għajnuna.* ▼





▲ *It-Tfal jitgħallmu l-ibburdjar.*

*Preżentazzjoni ta' reċti, kant u żfin.* ▼



*Wara preżentazzjoni ta' wirja tal-Judo, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni l-Onor. Philip Muscat qed jippreżenta xi premjijiet.* ▼





▲ *Li Sports huwa parti essenzjali fil-Kamp. Table-Tennis u Volleyball.* ▼



# Kampjonat Nazzjonali tal-Boċċi



Nhar is-Sibt, 20 ta' Awissu, t-team tal-boċċi minn Ħaż-Żabbar, 'Young and Old' sar l-ewwel wieħed li rnexxielu jirbaħ il-kompetizzjoni Nazzjonali tal-Boċċi organizzata mill-Ministeru ta' li Sport, meta quddiem pubbliku numeruż għelbu lil 'Pieta Mexicans'. Din il-logħba finali ntlagħbet fil-pitch il-ġdid tal-Ħamrun li ġie inawgurat mill-Ministru ta' li Sport, is-Sur Lorry Sant.

Fi tmiem il-partita l-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport ippreżenta l-premjijiet lit-teams rebbieħa. (ara ritratt fuq).

▽ □ ▽ □ △ □ △

# Riċeviment f'Ġieħ il-Ministru Sant

Dan l-aħħar, fil-Beach Club tal-Union Club f'tas-Sliema; l-uffiċjali u l-players magħżula minn impjegati tal-Gvern u Korpi Parastatali li kienu għadhom kemm kisbu żewġ riżultati pożittivi fil-mawra tagħhom fil-Ġermanja, taw Party f'ġieħ il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sports, is-Sur Lorry Sant u s-Sinjura tiegħu. Dan il-party sar bħala ringrazzjament lil Ministru Sant għall-inizjattiva li ħa biex il-players Maltin setgħu jmorru jilgħabu barra minn artna.

L-uffiċjali, il-players u l-familji tagħhom flimkien mal-Ministru Sant u s-Sinjura tiegħu qattgħu tlett siegħat ta' divertiment fejn dawk kollha preżenti setgħu jitkellmu dwar l-avventura tal-grupp Malti fil-Ġermanja.

F'isem il-players kollha, il-Captain tat-team, Edward Darmanin, irregala arloġġ sabieħ lil Ministru Sant li wara qam ikellem lil dawk preżenti.

Il-Ministru irringrazzja lil players tar-rigal li tawh u filwaqt li rringrazzjahom għall-wirjiet sbieħ li taw, huwa ferħilhom għar-riżultati pożittivi li kisbu fil-Ġermanja. Il-Ministru Sant kompla qal li din iż-żjara kienet bħala frott tas-serjetà u xogħol li sar waqt il-league organizzat mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u Sports għall-impjegati tal-Gvern u dawk Parastatali.

**Tajjeb Tkun Taf**

# L-Uffiċċju tal-Passaporti

L-Uffiċċju tal-Passaporti hu sezzjoni oħra importanti tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. Ix-xogħol ta' dan l-Uffiċċju hu prinċipalment il-ħruġ u t-tiġdid ta' passaporti u dokumenti oħra ta' vjaġġjar. Il-viżi biex turisti jkunu jistgħu jidħlu u joqgħodu Malta jinħarġu wkoll minn dan l-Uffiċċju. L-Ambaxxati ta' Malta f'pajjiżi barranin ukoll joħorġu passaporti u viżi.

Meta Malta saret Repubblika l-format tal-passaport inbidel radikalment. Il-kulur tal-kopertina sar aħdar u l-arma tar-Repubblika ta' Malta tidher stampata bid-deheb fuq din l-istess kopertina. Fuq l-ewwel faċċata tal-passaport hemm impinġija l-mappa tal-Mediterran li turi ċar il-pożizzjoni ta' Malta f'nofs dan il-baħar storiku. Għall-ewwel darba fl-istorja l-passaport Malti ġie stampat bil-Malti u bl-Għarbi u wkoll biż-żewġ lingwi internazzjonali Ingliż u Franċiż. Mill-bidu ta' din is-sena t-tul tal-persuna qed jiġi mniżżel fil-passaport bis-sistema metrika jiġifieri biċ-ċentimetri.

L-applikazzjonijiet għall-ħruġ jew tiġdid ta' passaporti jintlaqgħu minn skrivani li hemm apposta fl-Uffiċċju tal-Passaporti. Wara li jintlaqgħu l-applikazzjonijiet isir xogħol ieħor ta' checking u ta' mili ta' passaporti minn skrivani oħra. Meta finalment il-passaport jiġi ffirmat mill-Uffiċjal inkarigat dak li jkun ikun jista' jiġi biex jirtira l-passaport tiegħu.

Qabel ma jinħareġ passaport Malti jrid jiġi assigurat li dak li jkun ikun ċittadin ta' Malta. Għalhekk l-applikant irid jipproduċi ċertifikati mill-Insinwa jew dokumenti oħra biex juri li hu ċittadin Malti u mhux ċittadin ta' xi pajjiż ieħor.

Il-lum biex wieħed jidħol il-Libja jrid ikollu d-dettalji li jidhru fil-passaport miktuba bl-Għarbi. Għal dan il-għan il-Gvern għandu servizz biex meta wieħed ikun sejjer il-Libja ssirlu din it-traduzzjoni. Kull ma jrid jagħmel dak li jkun hu li jmur l-Uffiċċju tal-passaporti u jimla formola. Ftit ġranet wara dak li jkun ikun jista' jiġbor lura l-passaport tiegħu komplit bit-traduzzjoni. Dan is-servizz isir bla ħlas.

Il-lum il-"joint passport" jiġifieri passaport li juri d-dettalji tar-raġel u tal-mara flimkien ma għadux jinħareġ. Dan sar parti minħabba l-emanċipazzjoni tal-mara u parti minħabba l-fatt li, meta kien jinħareġ passaport wieħed, kienu jinqalgħu ħafna diffikultajiet peress li l-mara ma kienitx tkun tista' ssiefer bih jekk ma tkunx akkumpanjata minn żewġha.

Tfal taħt it-tmintax il-sena ma jkunx jista' jingħatalhom passaport mingħajr il-kunsens bil-miktub tal-missier. Għalhekk il-firma tal-missier fuq l-applikazzjoni hi assolutament neċessarja. Dan l-aħħar permezz ta' emenda fil-kodiċi ċivili, jekk il-missier ikun nieqes jew jekk minħabba xi impediment ieħor ma jkunx jista' jeżerċita d-drittijiet tas-setgħa tal-missier, tkun tista' tiffirma l-omm. Kull każ pero irid jiġi ttrattat waħdu skond il-meriti tiegħu u l-omm tkun trid iġġib provi li l-missier hu verament assenti jew li tassew għandu l-impediment.

Biex jiġġedded passaport ma hemmx għalfejn jinġiebu dawk iċ-ċertifikati li jkunu diġà ġew sottomessi meta oriġinarjament tkun saret l-applikazzjoni għall-passaport. Għalhekk jekk wieħed ikollu f'idejh passaport li jkun ħareġ wara l-1 ta' Ottubru 1971 dan ma jkollux bżonn iġib ċertifikati iktar. Iżda l-formola għat-tiġdid tal-passaport trid timtela dejjem.

Fi żmien is-sajf ix-xogħol fl-Uffiċċju tal-passaporti jiżdied sostanzjalment. Għalhekk fl-interess tiegħu stess il-pubbliku ma għandux iħalli għall-aħħar biex japplika għall-passaport. Jekk dak li jkun jikkoopera u jissottometti l-applikazzjoni tiegħu mingħajr dewmien ikun żgur li ma jsibx diffikultà biex jieħu l-passaport fiż-żmien li jkun jixtiequ hu.

# KULTURA........

## FESTIVAL INTERNAZZJONALI TA' L-ARTI

Fl-aħħar ġimgħa ta' Awissu, ngħataw żewġ kunċerti vokali u strumentali, bil-parteċipazzjoni ta' kantanti Taljani fil-Pjazza San Pawl, l-Imdina. Dawn il-kunċerti fetħu l-Festival Internazzjonali ta' l-Arti, 1977.

Għal dawn il-Kunċerti attenda l-President ta' Malta Anton Buttigieg.

L-Orkestra u l-Kor tat-Teatru Manoel tmexxew mis-Surmast Ino Savini.

Il-miġemgħa kbira li attendiet għal dawn il-kunċerti setgħet titpaxxa bil-mużika ta' Mascagni Leoncavallo, Saint-Saens, Puccini, Verdi u biċċa mill-opra ta' Carmelo Pace 'Ipogeana'. L-Imdina kienet bħas-soltu mżejna u mdawwla għal din l-okkażżjoni unika; u b'numru kbir ta' fjakkoli jixgħelu fuq is-swar.

Attrazzjoni oħra f'dan il-Festival kienet il-Banda dei Bersaglieri Taljana, il-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta, il-King's Own u La Valette tal-Belt.



**Il-Banda tal-Bersaglieri waqt il-Festival Internazzjonali ta' l-Arti, fl-Imdina.**

Il-Banda militari tat-Tielet Reġiment tal-Bersaglieri ta' l-Armata Taljana, flimkien mal-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta, nhar il-Ħadd 28 ta' Awissu taw wirja spettakolari tul Triq ir-Repubblika u fil-Pjazza tal-Palazz, il-Belt.

Il-wirja bdiet b'marċi tul Triq ir-Repubblika mill-Banda tal-FAM immexxija mis-Surmast Twanny Chircop.

Wara, il-Banda tal-Bersaglieri daqqet marċi immexxija mill-Maġġur Alessandro Matti. Iż-żewġ baned ingħataw applawsi kbar mill-folla preżenti.

Għal din l-okkażżjoni attendew fost oħrajn, il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sports, is-Sur Lorry Sant u s-Sinjura tiegħu; l-Ambaxxatur Taljan f'Malta Dott. Erin Da Rin; is-Segretarju Amministrattiv u Chairman tal-Festival, is-Sur A. Agius Ferrante u l-Kurunell Pietro Zampieri, Kap tal-Missjoni Militari Taljana f'Malta.

* * *

## MARĊ U WIRJA MILL-BANDA TAL-BOY SCOUTS

Nhar s-Sibt, 3 ta' Settembru, il-Banda tal-Boy Scouts, Marsa. immarċjat minn Triq ir-Repubblika, il-Belt, u wara tat wirja f'Misraħ il-Ħelsien.

Dan huwa l-għaxar programm li l-Ministeru tal-Kultura organizza bil-koperazzjoni ta' diversi baned Maltin bl-uniformi. Dawn il-programmi qed isiru kull nhar ta' Sibt fil-għodu fil-Belt.

* * *

## IL-PREMJU ANTHONY RAIMONDO

Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-Onor. Ph. Muscat dan l-aħħar ippreżenta l-Premju Anthony Raimondo lil Ġuża Buttigieg mix-Xewkija, Għawdex.

Dan il-premju twaqqaf mis-Sur Raimondo, ex-Direttur ta' l-Edukazzjoni biex jingħata lil student jew studenta nkapaċitat li jara li bil-ħidma tagħhom ikunu kapaċi jirbħu l-inkapaċità tagħhom, jaċċettaw l-inkapaċità li għandhom, jitħalltu ma' sħabhom u jagħmlu progress.

Il-Ministru filwaqt li feraħ lit-tifla għax rebħet il-premju, qalilha li hija kellha tkun l-ewwel waħda li rebħet dan il-premju kif ukoll huwa żgur li din kien ħaqqha tieħu dan il-premju għaliex bl-isforzi tagħha qed jirnexxilha tlaħħaq anke ma' sħabha billi qed tattendi skola normali — l-Iskola Sekondarja tar-Rabat, Għawdex. Huwa rringrazzja wkoll lis-Sur Raimondo għall-għotja tiegħu.

Preżenti għaċ-ċerimonja kien hemm ukoll id-Direttur ta' l-Edukazzjoni, Dr F. Chetcuti u omm ir-rebbieħa.

## IL-PRESIDENT IŻUR IL-KAMP TAS-SAJF TA' WIED IL-GĦAJN



**Il-President u s-Sinjura Buttigieg flimkien mal-Ministru ta' l-Edukazzjoni u s-Sinjura Muscat fil-kamp tas-sajf f'Wied il-Għajn.**

Il-President tar-Repubblika, l-Avukat Anton Buttigieg, flimkien mas-Sinjura tiegħu, kif ukoll il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-Onor. Philip Muscat u s-Sinjura tiegħu, attendew għall-ikla fil-kamp tas-sajf fl-iskola ta' Wied il-Għajn.

Matul dawn l-aħħar tliet ġimgħat f'dan il-kamp kien hemm madwar erbgħin żagħżugħ u żagħżugħa nkapaċitati li ġew Malta minn St Etienne fi Franza. Iż-żjara tagħhom f'Malta saret wara li Dun Joseph Cutajar, qassis Malti li jgħix fi Franza u jieħu ħsieb dawn iż-żgħażagħ, kiteb lill-President ta' Malta biex jitlob xi akkomodazzjoni bl-irħis f'Malta. Wara li l-President għadda din it-talba lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, ġie deċiż li l-Ministeru joffri lil dan il-grupp l-kamp tas-Sajf ta' Wied il-Għajn, kif ukoll l-użu tal-faċilitajiet kollha, inkluż l-ikel b'xejn.

F'kelmtejn li għamel waqt l-ikel, Dun Cutajar irringrazzja lill-President u lill-Ministru għall-għajnuna tagħhom, u qal li l-grupp żgur se jibqa' jiftakar iż-żjara li għamel f'Malta.

Ta min ifaħħar attività u inizjattiva ta' din ix-xorta. Permezz ta' hekk l-edukazzjoni f'Malta tista' tagħmel passi 'l quddiem. It-tfal tal-lum huma l-irġiel u n-nisa ta' għada. L-edukazzjoni hi s-sinsla tal-pajjiż.

Qabel l-ikla ġew ippreżentati bukketti tal-fjuri lis-Sinjura tal-President u dik tal-Ministru, kif ukoll żewġ bjar, wieħed lill-President u l-ieħor lill-Ministru, magħmula mill-labar ta' l-inxir li nħadmu mit-tfal Maltin li kienu qegħdin jattendu fis-"Summer Clubs" f'din l-iskola.

## PROGRAMM TAL-BANDA TAL-FORZI ARMATI TA' MALTA — SETTEMBRU 1977

Il-programm tal-Banda hu hekk:—

Is-Sibt 10 ta' Settembru — Kunċert matul il-Water Sports Festival fil-Port il-Kbir.

Il-Ħadd 11 ta' Settembru — Kunċert matul ir-Regatta Nazzjonali fil-Port il-Kbir.

Il-Ħadd 18 ta' Settembru — Kunċert matul il-Wirja taż-Żwiemel fil-Marsa.

Il-Ħamis 22 ta' Settembru — Kunċert f'Fond Għadir, Tas-Sliema.

Is-Sibt 24 ta' Settembru — March Past fi Triq ir-Repubblika u wirja fi Pjazza l-Ħelsien, il-Belt.

Il-Ħamis 29 ta' Settembru — Kunċert quddiem Palazz Spinola, San Ġiljan.

* * *

## BORŻA TA' STUDJU "JANATHA STUBBS FOUNDATION"

Il-Borża ta' Studju "Janatha Stubbs" għas-sena 1977/78 ngħatat lis-Sur Anthony Galea, għalliem f'waħda mill-Iskejjel Speċjali tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Is-Sur Galea ser jagħmel kors fl-Edukazzjoni Speċjali fl-Università ta' Southampton fl-Ingilterra matul is-sena akkademika 1977/78.

Din il-borża ta' studju ngħatat mill-Janatha Stubbs Foundation tar-Renju Unit bl-inizjattiva tas-Sur u s-Sinjura P. J. Stubbs li joqgħodu Malta f'St Andrews.

**Fir-ritratt jidhru mas-Sur Galea, is-Sinjura Stubbs u Dr Frans Chetcuti, Direttur ta' l-Edukazzjoni.**



*DAWRA MAL-GŻEJJER*

# IS-SIĠĠIEWI

Il-villaġġ tas-Siġġiewi jinsab madwar ħames mili bogħod mill-Belt Valletta. Dan hu wieħed mill-aktar irħula qodma ta' Malta u għal bosta drabi kien invadut minn qtajjiet ta' Musulmani li kienu jitilgħu minn xtajtiet fil-qrib. Fost il-vittmi ta' dak iż-żmien insibu il-leġġenda popolari ta' Katarina Dingli li ġiet maqtula minn dak li kien qed jisraqha filwaqt li kienu qed jiġru warajh is-Siġġiwin.

Fis-Siġġiewi insibu bosta djar qodma, l-iktar grupp ta' bini fi Triq il-Kbira l-qadima, li huma tas-Seklu XVI. X'uħud minn dawn id-djar kienu wkoll fortifikati.

Ma' dan il-villaġġ darba kien hemm miġbura tlieta oħra qodma ħafna Ħal-Kbir, Ħal-Xluq u Ħal-Qdieri. F'nofshom kien hemm ieħor imsejjaħ Ħal-Niklusi li hi kelma Sqallija tfisser Nikola, billi l-knisja ewlenija tiegħu kienet dedikata lil San Nikola.

Minħabba l-furbani, in-nies ta' l-irħula li semmejna tgeddsu lejn xulxin u iffurmaw raħal wieħed — is-Siġġiewi.

Fil-1436 l-Isqof De Mello deherlu li l-Knisja ta' San Nikola kien jisthoqqilha tieħu lok mill-għaxar parroċċi li waqqaf.

**Il-Fawwara** — Il-Fawwara hu isem ta' lok fuq il-kosta tan-Nofsinhar tal-gżira, u hija mfiittxija ħafna bħala lok ta' rikrejazzjoni.

Il-ħamrija ta' hawn hija fertili bil-bosta u tinsab miġmugħa simetrikament f'qatgħat għaliha fuq ġenb it-telgħa, li togħla gradatament minn preċipizju jħares mill-għoli ta' madwar 200 pied mill-baħar. Taħt il-knisja ċkejkna tal-Karmnu hemm nixxiegħa li taqsam minn ġo għar, u fl-aħħar tibqa' sejra tiżbokka ġo vaska kbira li minnha joħorġu bosta frieghi biex tissaqqa l-art.

Mill-Fawwara tidher veduta sabiħa ta' Filfla. Mill-Fawwara l-Gran Mastru Wignacourt kien ħa l-ilma biex daħħlu l-Belt meta bena l-akwidott.

Fil-wied taħt il-Palazz ta' l-Inkwiżitur hemm nixxiegħa kbira msejħa Għajn il-Kbira. Minn din il-għajn, l-inħawi tal-palazz baqa' msemmi għaliha.

Il-frott li jikber hawn huwa tajjeb ħafna. Ftit lejn il-Lvant hemm id-distrett magħruf bħala Girgenti li bħal-lok ta' qablu hu fertili ħafna bil-frottijiet u prodotti oħra. Dan jiġi msoqqi minn bosta nixxigħat li l-ħruġ ta' waħda minnhom hu minn taħt il-bini qadim imsejjaħ Ta' Durrensi.

**Mill-Ktieb**

**"BLIET U RHULA MALTIN"**

**ta' Alfie Guillaumier**

Meta nduru mal-plajja nsibu li mas-Siġġiewi jagħmlu dawn l-imkejjen sbieħ:

Ħaġira ta' l-Usif, Irdum Depiru u Għar Lapsi.

**Il-Fewdu ta' Bria** — Federiku II, mill-familja ta' Aragona, provinċja ta' Spanja, ħa l-kuruna ta' Sqallija fl-1296 u ġie nkurunat f'Palermu mill-Arċisqof ta' dik il-belt, bħala Sultan ta' Sqallija u tal-gżejjer Maltin.

Lejn is-Siġġiewi kien hemm biċċa art magħrufa bħala **Ta' Bria,** li fl-1315, dan is-Sultan taha bħala Barunija lil Artaldo de Barba, naturalment ħabib tiegħu. Minn idejn Barba dan il-fewdu għadda f'idejn il-Baruni Fringintini, minn Noto, u fl-aħħar ittieħed mill-Gran Mastru Lascaris bl-artijiet kollha ta' Djar Baqar li fihom kien hemm is-sienji u opri oħra għall-ħtiġijiet tar-Reliġjon.

**"Città Ferdinand"** — Tlitt ijiem fuq il-mewt ta' De Rohan, fis-16 ta' Lulju 1797, iltaqa' l-Kunsill u ħatar Gran Mastru lill-Balliju ta' Brandenburgu, Fra Ferdinandu Hompesch; Tedesk.

Hompesch kien maħbub wisq mill-Maltin u kien jitkellem bil-Malti tajjeb.

Kienet daħlet sewwa d-drawwa li kull raħal jitlob li xi Gran Mastru jagħnih bit-titlu ta' belt, għalhekk l-irħula bl-imħatra bejniethom min kellu l-ħila jistieden lis-Sultan għall-festa. Meta saru jafu li f'raħalhom kien ġej is-Sultan, s-Siġġiwin bnew ark trijunfali fid-daħla tal-misraħ bħal ma kienet id-drawwa dak iż-żmien.

Nhar il-festa wasal il-Gran Mastru bil-Balliji u l-Kavalieri ta' madwaru li għaddew minn taħt l-ark trijonfali qalb żewġ fillieri suldati tax-xwieni li kienu skjerati minn ħdejn l-ark sal-knisja parrokkjali. Mat-triq kollha tqiegħdet banda li daqqet bċejjeċ brijużi.

Għall-funzjoni tal-knisja l-Gran Mastru qagħad taħt it-tron li ġie mħejji apposta u assista għall-quddiesa kollha. Wara l-funzjoni il-Kappillan Dun Salv Corso offra lill-Gran Mastru bukkett fjuri maħdum sabiħ ħafna li sewa 50 skud, flimkien ma' sunett u ħobż imbierek.

Il-Gran Mastru semma' 'l dan ir-raħal "Città Ferdinand" għal ismu.

**Popolazzjoni** — Il-popolazzjoni ta' dan il-villaġġ turik li żmien twil ilu kien fl-aqwa tiegħu u kien igawdi popolarità kbira. Għalhekk naraw li fl-1530 kien fih 1,500 ruħ. Din kienet is-sena li l-Kavallieri ħadu Malta taħt idejhom. Fis-sena 1772 kellu 1,788 ruħ. Għal dak iż-żmien kien għadd sabiħ għaliex bosta rħula oħra ma kellhomx daqs nofsu. Fl-1961 kellu 5,121 ruħ.

L-arma tas-Siġġiewi hi, sfond fidda, b'sallb deheb bejn żewġ faxxi ħomor.

Il-motto hu — "LABORE ET VIRTUTE" — (Bix-xogħol u bil-Ħila).

**Kif beda ismu?** — L-ebda awtur ma ċaħad li s-Siġġiewi hu ġej minn kunjom ġerta familja għanja Sqallin ta' Sageyo li kienu jgħammru f'Malta. Verżjoni oħra tgħid li hemm konnessjoni kbira bejn il-familja Sageyo li kienu Sqallin u San Nikola li kien Sqalli wkoll.

Fuq mappa mitbugħa f'Venezja fl-1689 jidher isem dan ir-raħal imniżżel bħala "Casal Siego".

**SAN NIKOLA - Knisja Parrokkjali** — Il-knisja ewlenija l-qadima, li llum fadal biss fdal minnha, kienet mibnija fuq ordni Korintu.

Fid-19 ta' Awissu 1672 il-poplu ta' dan ir-raħal ġabar somom ta' flus sabiex jibnu oħra li tkun aħjar. Billi fis-Siġġiewi tinstab ġebla tajba ħafna tal-franka, fl-1 ta' Novembru 1675 bdew ineħħu t-trab biex mil-lok stess jaqtgħu l-ġebel u bih itellgħu il-knisja.

Fid-19 ta' April, 1675 il-Kappillan tar-raħal, Dun Duminik Farrugia qiegħed l-ewwel ġebla tal-Knisja Parrokkjali taħt dik imqiegħda mill-għani Fra Bernardinu Deneira, Kaptan ta' l-armi tar-raħal, ma' midalja tal-fidda bix-xbiha ta' San Nikola u oħra tal-Gran Mastru Cottoner. Nhar il-festa, s-6 ta' Diċembru 1693 wara 17-il sena xogħol il-knisja kienet lesta.

Id-disinn tagħha għamlu Wenzu Gafà u hi mqassma fi tlett ordni — doriku joniku u korintu. Kien hemm bosta benefatturi li offrew tul 10 snin somom ta' flus flimkien ma' bosta legati. Il-Gran Mastru Cottoner offra 200 skud u l-Gran Mastru Carafa ta 400 oħra. Fl-1752 tkabbret is-sagristija

Sadanittant il-popolazzjoni bdiet tikber ġmielha, u il-knisja ħasbu li jkabbruha, ittieħdu pariri tekniċi u wara bosta żmien waslu fi ftehim li kellhom iżidulha fil-ġnub tal-kursija żewġ navi b'sitt kappelli. Fl-14 ta' Settembru 1862 tpoġġiet l-ewwel ġebla. Dan ix-xogħol ġdid sar fuq il-pjanta magħmula mill-Professur Dr Nikola Zammit. Ix-xogħol kien f'idejn Mastru Lunzjat Schembri.

Il-vara titulari hija xogħol Pietru Felice (aktarx Malti) li saret fl-1736.

**SAN NIKOLA (Parroċċa l-Qadima)** — Il-fdal ta' din il-knisja jinsab sewwa sew f'nofs ir-raħal u hija magħrufa biżżejjed għall-qedem tagħha.

Knejjes oħra fis-Siġġiewi huma:

(1) Santa Maria, (2) Ta' San Ġwann, (3) Santa Katarina, (4) San Mark, (5) Il-Madonna tal-Providenza, (6) Il-Lunzjata, (7) San Niklaw, (8) Santa Marija, (9) Il-Lunzjata, (10) Tal-Karmnu, (11) Is-Salvatur, (12) San Bjaġu, (13) Ta' San Lawrenz. (14) Ta' San Ġorġ, (15) Santa Marija Assunta u (16) L-Oratorju tas-Sagra Familja.

**Il-Palazz ta' l-Inkwiżitur** — Dan il-palazz jinsab fin-nofsinhar tal-Buskett, f'lok ħelu li jħares fuq wieħed mill-iktar widien għonja ta' Malta msejjaħ Għajn il-Kbira.

Mons. Angelo Dorini li kien jiġi s-57 Inkwiżitur (1760-66) bena dan il-palazz għall-villeġġjatura. Minn Inkwiżitur, Mons. Dorini laħaq Kardinal.

**L-Armerija** — Fi Triq Irjali kien hemm l-Armerija antika tas-Siġġiewi li fiha kienu jintrefgħu l-armi ta' dak id-distrett taħt il-ħarsien ta' l-armier. Illum iservi bħala ċentru ċiviku.

**Is-Salib ta' l-Għolja** — Dan is-salib kbir tal-ħadid twaqqaf hemm fl-1900 sabiex ifakkar is-sena mqaddsa. Matul il-għolja fin-niżla hemm seba' statwi tal-ġebel bħal dawk li joħorġu fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Fl-1946 dan is-salib waqa', iżda fl-1963 reġa' tqiegħed mill-ġdid.

**Id-Dar tal-Provvidenza** — Din id-Dar li tikkonsisti f'żewġ blokki kbar — Villa Mons. Gonzi u Villa Papa Giovanni XXIII, hija l-unika Dar residenzjali f'dawn il-Gżejjer għat-tfal u adulti mentalment u fiżikament inkapaċitati.

Il-bniedem li ħoloq u qiegħed imexxi din l-opra ta' karità huwa Mons. Mikiel Azzopardi mejjgħun mis-Sorijiet tal-Karità u għadd individwi u benefatturi.

Ix-xogħol tal-bini beda fis-27 ta' Diċembru, 1965 u illum, iż-żewġ Villel iħaddnu fihom madwar 80 inkapaċitat.

L-emblema tad-Dar hija id iżżomm 'l fuq fjura biz-zokk miksur filwaqt li l-Motto tad-Dar hu: "Caritas Christi Urget Nos". Id-Dar issemmiet "tal-Provvidenza" għall-Kappella tal-Madonna tal-Provvidenza li tinsab fil-qrib.

Opra oħra siewja għas-Siġġiewi hi l-Iskola tas-Sorijiet Franġiskani ta' Malta.

**Fdalijiet Antiki** — Fis-Siġġiewi nstabu ħafna fdalijiet ta' żmien qadim fosthom: Stazzjon Neolitiku, oqbra Puniċi u Rumani.

**Is-Siġġiewi llum**—Is-Siġġiewi tal-lum kull ma jmur dejjem jikber. Estates ta' bini sabiħ u vilel moderni qegħdin b'pass mgħaġġel jikbru u jitħalltu mar-raħal l-antik. Dan sar possibbli bil-ftuħ ta' toroq ġodda u wesgħin u biż-żieda fl-importanza tar-raħal kemm bħala ċentru ta' biedja, barrieri u artiġjanat konnessi max-xogħol tal-ġebla, kif ukoll bħala ċentru turistiku peress li s-Siġġiewi huwa sinonimu ma' Għar Lapsi — lok ħelu imfittex mit-turisti u l-Maltin kemm fis-sajf u kemm fix-xitwa.

16



IS-SIĠĠIEWI: PJAZZA SAN NIKOLA

IPPUBBLIKAT MID-DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI — STAMPAT FL-U.C.S. — STAMPERIJA TAL-GVERN